

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fl-20 ta' Frar 2012 — Société Landsbanki Islands HF vs Kepler Capital Markets SA, Frédéric Giraux**

(Kawża C-85/12)

(2012/C 118/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société Landsbanki Islands HF

Konvenuta: Kepler Capital Markets SA, Frédéric Giraux

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikoli 3 u 9 tad-Direttiva 2001/24/KE, tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li, miżuri ta' riorganizzazzjoni jew ta' stralċ ta' istituzzjoni finanzjarja, bħal dawk li jirriżultaw mil-Liġi Iżlandiża Nru 44/2009 tal-15 ta' April 2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala miżuri meħuda minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja fis-sens ta' dawn l-artikoli?
- (2) L-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/24/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 98 tal-Liġi Iżlandiża tal-20 ta' Diċembru 2002, li pprojbixxiet jew issospendiet kwalunkwe azzjoni ġudizzjarja kontra istituzzjoni finanzjarja mad-dħul fis-seħħ ta' moratorju, milli jkollha effett fir-rigward ta' miżuri kawtelatorji meħuda fi Stat Membru ieħor qabel l-impożizzjoni tal-moratorju?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 15).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fis-17 ta' Frar 2012 — Skatteverket vs PCF Clinic AB**

(Kawża C-91/12)

(2012/C 118/31)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

#### Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteverket

Konvenuta: PCF Clinic AB

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 132(1)(b) u (ċ) tad-Direttiva tal-VAT <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat li jfisser li l-eżenzjoni mit-taxxa li huwa jipprevedu tkopri servizzi bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża u li jikkonsistu fi:
  - (a) operazzjonijiet ta' kirurġija estetika,
  - (b) trattamenti estetiċi?
- (2) Din l-evalwazzjoni tiġi effettwata jekk l-operazzjonijiet jew it-trattamenti jitwettqu b'għan ta' prevenzjoni jew ta' trattament ta' mard, ta' diffetti fiżiċi jew ta' feriti?
- (3) Jekk l-għan għandu jiġi kkunsidrat, l-għarfien tal-pazjent dwar l-għan tal-intervent għandu jittieħed inkunsiderazzjoni?
- (4) Għal din l-evalwazzjoni, għandu jingħata xi importanza dwar jekk l-intervent isirx minn membru tal-korp mediku awtorizzat, jew għall-fatt li l-għan tal-intervent jiġi deċiż minn tali profesjonista?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, ta' 28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja**

(Kawża C-95/12)

(2012/C 118/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Montaguti u G. Braun, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja